# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 36

17 ta' Jannar, 2022

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.45 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 36

36.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 35 – 9;
36.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
36.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
36.5 Komunikazzjoni;
36.6 Il-Proġett ta' Xogħolijiet ta' pavimentar u rinnovar ta' Pjazza Santa Margerita;
36.7 Ħatra ta' bord għal evalwazzjoni u aġġudikazzjoni – Tender SNTLC 13/2021;
36.8 Applikazzjoni għal Proġett minn fondi ewropej taħt Miżura 4.3;
36.9 Jum San Valentinu 2022;
36.10 L-Għid 2022;
36.11 Jum Sannat 2022;
36.12 Ilmenti u Suġġerimenti;
36.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 1/2022;
36.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku kompla billi ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 36.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

36.1.1 Is-Segrertarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji pero għarraf lill-Kunsill li l-Kunsillier Tewma kellu jiġi għal din il-laqgħa aktar tard.

## 36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 35 – 9

36.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 35 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 36.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

36.3.1 Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 24 ta' Jannar fid-9.00 a.m. il-Kunsill għandu laqgħa fil-bini tal-Kunsill stess mas-Superitendent tal-Pulizija fejn ser niġu ntrodużuti mall-Community Police u l-Ispettur. Is-Sindku stieden lill-Kunsillieri biex min jista jattendi.

36.3.2 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li rigward it-tqattieħ tal-wiċċ tat-toroq mill-Korporazzjoni Enemalta fi Triq tal-Gruwa u Triq Skerla minħabba ħsarat u li dawn ġew asfaltati kif mistħoq. Is-Sindku nforma lill-Kunsill bl-inċident li seħħ dan l-aħħar fejn il-korporazzjoni avżat li nofs ta' Sannat nhar it-Tlieta 12 ta' Jannar mit-8.00 a.m. sas-6.00 p.m. mill-parti ta' Triq tal-Gruwa, Triq Ta' Ċenċ, Tirq Palazz Paina, Triq Kalati, Triq Skerla u Triq Dun Luqa ma kienx ser ikun hemm provvista tal-elettriku u b'insistenza tiegħu l-korporazzjoni kellha tissuplixxi d-dawl. Hu qal li talab lill-Korporazzjoni biex tavża b'dan aktar kmieni u mhux għal dak it-tul ta' ħin.

36.3.3 Is-Sindku qal li nhar l-Erbgħa 12 ta' Jannar 2022, saret laqgħa apposta mal-Inġinier tal-korporazzjoni tal-ilma fejn ingħatat spjegazzjoni tal-ħsarat li tħallew isiru ma żminijiet f'diversi uċuħ ta' toroq u li dan mhux aċċettabbli aktar. Dan peress li x-xogħolijiet ma humiex isiru kif titob Transport Malta u li r-residenti qed tkompli tinsisti bl-istat li titħalla it-triq. Is-Sindku semma li l-Kunsill meta se joħroġ l-offerta l-ġdida tal-asfalt, għandu jinkludi dan it-tip ta'xogħol, b'hekk il-Kunsill ikun jista jgħamel ftehim mall-WSC u b'hekk ikun jista' jsir dan it-tip ta' xogħol u t-toroq jibqgħu fl-aħjar stat kif jitlob, jekk dan ma jseħħx imbgħad il-Kunsill għandu jkellem Avukat.

36.3.4 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li wara li saru l-evalwazzjonijiet tal-kwotazzjonijiet għall-tindif fl-uffiċċju SNTLC 10/2021 u tal-kwotazzjonijiet ta' cleaning, maintenance and opening and closing of Public Conveniences in Ta' Sannat SNTLC 12/2021 kif kien spjegat fil-laqgħa preċedenti l-kuntratti għal dawn ix-xogħolijiet ser jibdew mill-1 ta' Frar 2022.

36.3.5 Is-Sindku qal li l-ġardinar li l-Kunsill għandu assenjat miegħu fil-Ġnien tal-Bidwi talab biex il-ġnien jinħarat. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir.

36.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sinjura Geraldine Mercieca, illum l-Assistent Uffiċjal Prinċipali rringrazzjat lill-Kunsill tal-kariga l-ġdida u tal-fiduċja għal din il-kariga.

36.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li irċieva mingħand JP2 Foundation fejn dawn issuġġerixxew li parti mill-kunċerti tal-baroque festival li kien qed isir f'Malta jsir wieħed fil-Knisja Parrokkjali Ta' Sannat, biss minħabba l-pandemija dan ġie pospost.

36.3.8 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva mingħand Ambjent Malta dwar sejħa għal Local Council Urban Greening Scheme 2022. Dwar dan se jingħata sessjoni ta' informazzjoni nhar it-Tnejn 24 u t-Tlieta 25 ta' Jannar fl-10.00 a.m. b'mod virtwali. Il-Kunsill qabel li għandu jattendi għal sezzjoni ta' informazzjoni u jekk vijabbli japplika.

36.3.9 Is-Sindku qal li tkellem ma persuna dwar għajnuna għall-aktar fondi ewropej mill-ERDF.

36.3.10 Is-Sindku qal li bħalissa qed jaħdem fuq ktieb bir-ritratti ta' x'wieħed isib f'Ta' Sannat illum.

36.3.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Active Ageing fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex kull nhar ta' Tlieta bejn 9.00 a.m. u l-11.00 a.m. ser terġa tibda torganizza' *keep fit classes*. Dan ser jibda minn nhar it-Tlieta 25 ta' Jannar 2022.

## 36.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

36.4.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk kellhomx xi mistoqsijiet, suġġerimenti jew proposti.

36.4.2 Il-Kunsillieri wieġbu li ma kellhom l-ebda mistoqsija.

## 36.5 Komunikazzjoni

36.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill b'Ċirkularijiet mibgħuta mid-DLG dwar:
Ċirkulari Numru *SPI*/SCI/9/2021 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022
Ċirkulari 1/2022 – Allokazzjoni Finanzjarja għall-2022. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-allokazzjoni għal din is-sena hi ta' €280,027.

36.5.2 Fis-2.20 p.m. il-Kunsillier Clayton Tewma daħal għal din il-laqgħa.

36.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
03 ta' Jannar 2022 – Cir AKL 2022/001 – Enemalta
03 ta' Jannar 2022 – Cir AKL 2022/002 – Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel li bħas-snin l-imgħoddija għandu jissieħeb għal din il-polza.
04 ta' Jannar 2022 – Cir AKL 2022/003 – Personal Accident Policy
11 ta' Jannar 2022 – Cir AKL 2022/004 – L&M – Leading Change – Training Session – 25/01/2022
12 ta' Jannar 2022 – Cir AKL 2022/005 – AKL Webinar – Info Session EU Funding Opportunities for Regional and Local Councils 26/01/2021
12 ta' Jannar 2022 – Cir AKL 2022/006 – Konsultazzjoni Futur tal-Ewropa
13 ta' Jannar 2022 – Cir AKL 2022/007 – Tabelli No Parking (Permessi Kunsilli Lokali)

13 ta' Jannar 2022 – Cir AKL 2022/008 – Organic waste reimbursements. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ta kull xahar jintbgħat il-kont u li huma l-Wasteserv li mhux qed iħallsu fil-ħin. L-aħħar pagament li sar minn naħa ta' Wasteserv hu dak ta' Ottubru 2021.

36.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
21 ta' Diċembru 2021 – Re Iffilmjar tal-Messaġġ tas-Sindki
14 ta' Jannar 2022 – Ċerimonja tal-Inawgurazzjoni tal-Mandat u l-Għoti tal-Ġurament tal-President tar-Reġjun

## 36.6 Il-Proġett ta' Xogħolijiet ta' pavimentar u rinnovar ta' Pjazza Santa Margerita

36.6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar ix-xogħolijiet ta' pavimentar u rinnovar ta' Pjazza Santa Margerita il-Kunsill iltaqa' mall-Kuntrattur flimkien mall-Perit u l-Project Manager dwar dan ix-xogħol u li dan għandu jistakka mill-1 ta' Frar 2022. Il-Kuntrattur ntalab biex jipprepara u jgħamel il-garanzija bankarja u japplika ma' Transport Malta. F'din il-laqgħa il-Kuntrattur intalab biex jipprepara u jipprezenta ukoll lill-Kunsill is-Schedule of Works u Traffic Management. Nhar il-Ħamis 13 ta' Jannar 2022 saret laqgħa apposta dwar dan il-proġett mall-Inġinier u uffiċjali mill-EneMalta flimkien mall-Kuntrattur, il-Perit u l-Project Manager. Għada, it-Tlieta 18 ta' Jannar ser tinżamm laqgħa apposta mall-kumpanja Go p.l.c, Melita Ltd. u Epic u wara mall-Inġinier u uffiċjali tal-Water Services Corporation. Is-Sindku qal li d-diffikulta f'dan il-proġett hu s-servizzi tal-EneMalta peress li dawn se jiġu trasferiti fis-service culvert, il-feeder pillars u t-tqassim tagħhom. Is-Sindku qal li jrid isir il-ftuħ tal-water culvert. Il-Kunsill iddiskuta l-għarar tal-ilma. Is-Sindku qal li għandha ssir laqgħa apposta mall-istake holders kollha ta din il-pjazza. Il-Kuntrattur għandu jipprovdi sinjali tat-traffiku skond it-traffic management. Is-Sindku semma ukoll l-applikazzjoni ma' ERA dwar ir-relocation tas-siġar tal-oleander li hemm fil-Pjazza. Is-Sindku semma ukoll l-isqaq ta' Triq Xamgħan fejn qal li minn dan hemm għaddej ħafna mid-distribuzzjoni tad-dawl u li dan l-isqaq hu ppakjat b'dawn is-servizzi.

## 36.7 Ħatra ta' bord għal evalwazzjoni u aġġudikazzjoni – Tender SNTLC 13/2021

36.7.1 Is-Sindku qal li kif kien deċis fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill ħareġ offerta ġdida SNTLC 13/2021 dwar Proposed Service Culverts within Public Open Space at Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri, Ta' Sannat u li din l-offerta ser tgħalaq nhar il-Ġimgħa 21 ta' Jannar 2022. Is-Sindku qal li għal din l-offerta jrid jinħatar bord għal-evalwazzjoni u aġġudikazzjoni tagħha. Il-Kunsill iddeċieda li jaħtar lil Perit Brian Curmi, l-Avukat Dr Larry Formosa u l-Inġinier Christian Cordina membri tal-bord, is-Sindku Chairperson u s-Segretarju Eżekuttiv għal dan ix-xogħol.

## 36.8 Applikazzjoni għal Proġett minn fondi ewropej taħt Miżura 4.3

36.8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie nfurmat li reġgħu ħarġu l-applikazzjonijiet minn Miżura 4.3 mill-fondi ewropej, fejn il-Kunsill għandu jidħol għal din l-opportunita u japplika. Hu ssuġġerixxa Triq id-Daħla taċ-Ċnus u Triq tal-Gruwa, t-triq ta fuq it-Triq Mġarr ix-Xini sabiex

dawn jingħataw il-konkos. Dawn it-toroq jgħatu għal ħafna għelieqi u jekk nakkwistaw dawn il-fondi se jkun ta' benefiċċju kbir għal bdiewa u dawk li jgħaddu minn dawn it-toroq. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Sindku qal li fi Triq tal-Gruwa, il-Kunsill kien ibbenefika mill-fondi ewropej taħt Miżura 4.4 għall-bini tal-ħitan tas-sejjieħ u l-kuntrattur kellu jirrinġa dawn il-ħitan li skond il-Perit dawn mhux qegħdin skond is-sengħa u l-arti.

## 36.9 Jum San Valentinu 2022

36.9.1 Is-Sindku qal li qed joqrob Jum San Valentinu u li ma tantx għad fadal żmien biex wieħed jipprepara għal dan l-avveniment, biss wieħed għandu jibda jaħseb għas-sena li ġejja.

## 36.10 L-Għid 2022

36.10.1 Is-Sindku qal li għal l-Għid li jmiss il-Kunsill fl-2020 kien diġa pprepara għall-avveniment ta' dramm bl-isem il-Kundana u li dan għandu jsir fi Triq tal-Gruwa nhar is-Sibt 9 ta' April 2022 fit-8.00 p.m.

## 36.11 Jum Sannat 2022

36.11.1 Is-Sindku qal li Jum Sannat din is-sena se jaħbat il-Ħamis 28 ta' April 2022. Il-Kunsill ddecieda li peress li kien ibbenefika minn fondi ewropej fl-2020 biex ikun jista jospita delegazzjoni minn Montefiascone ikun ħsieb tajjeb jekk f'dan iż-żmien ta' April nospitaw din id-delegazzjoni u jsir wine festival bl-inbid minn ta dan il-post f'dan iż-żmien. Is-Sindku qal li għandhom joħorġu l-applikazzjonijiet dwar il-premijiet ta' Ġieħ Sannat u rikonoxximent taż-żgħażagħ. Il-Kunsill ssospenda għal ftit minuti din il-laqgħa biex ddiskuta dawn l-applikazzjonijiet. Wara diskussjoni l-Kunsill kompla bil-laqgħa.

## 36.12 Ilmenti u Suġġerimenti

36.12.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kellhomx xi ilmenti jew suġġerimenti. Il-Kunsilliera wieġbu li ma kellhomx x'jippreżentaw.

36.12.2 B' referenza għall-ilment numru 52/2021, resident li joqgħod fi Triq Xabbata talab li tiġi rranġata l-bankina ta' quddiem ir-residenza tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

36.12.3 Il-Kunsill irċieva diversi imejls mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward ħofor fi Triq il-Kbira. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

36.12.4 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward ħofor u tappiera li għandhom bżonn patching fi Triq Tal-Gruwa. Is-Sindku talab li din tiġi rrappurtata permezz tas-sistema tal-MGOZ.

36.12.5 Resident li joqgħod fi Triq Vincenzo Caruana Spiteri talab li tinbidel l-bankina ta mar-residenza tiegħu peress li tiżloq ħafna u perikoluża meta tagħmel ix-xita. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

35.12.6 B'referenza għall-ilment numru 01/2022, residenta li toqgħod fi Triq it-Tempju tal-Imramma talbet li tiġi rranġata ħofra fonda u perikoluża quddiem ir-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li din tiġi asfaltata.

36.12.7 B'referenza għall-ilment numru 02/2022, residenta qed titlob li jsiru parking bases fi Triq Marsilja. Is-Sindku qal li din it-triq għandha bżonn ta' traffic management.Il-Kunsill qabel li jkellem lil Perit.

36.12.8 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request System* sabiex tinżebaħ bajda l-kurduna mal-bankina kollha fi Triq 28 ta' April 1688.

36.12.9 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request System* sabiex jiġu nstallati reflector bollards tul il-water culvert fi Triq Mġarr ix-Xini wara li saru xogħolijiet ta' tindif biex jiġi evitat kull periklu.

36.12.10 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward ħofor fi Triq ix-Xewkija. Dwar dan is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li ntbgħatet imejl lil Ministru għal Għawdex.

36.12.11 Residenti minn Triq Skerla talbu li ssir laqgħa mas-Sindku dwar sinjali tat-traffiku u aktar indafa f'din it-triq. Is-Sindku qal li għandha ssir laqgħa ma din il-koppja

## 36.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 1/2022

36.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 1/2022 li kienet intbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Hu qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Tewma u ssekondata mill-Kunsillier Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 36.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

36.14.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.15 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 15 ta' Frar 2022, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 15 ta' Frar, 2022

| | |
|---|---|
| (iffirmata) | (iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |